MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 184/2002/1

**Sylvana Afifi mart Muhammed Afifi**

**vs**

**Muhammed Afifi**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu bir-rit civili nhar it-12 t'Awissu tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (1993) skond ma jirrizulta mill-anness certifikat hawn mehmuz u mmarkat Dok "A";

Illi f'anqas minn sena biss wara c-celebrazzjoni taz-zwieg, il-konvenut abbanduna d-dar konjugali u telaq lil martu u ma regax irritorna lura hlief ghall-perjodu qasir ta' ftit

gimghat u dana biex jissokta jghix hajja ta' guvni kif kien jghaddi qabel iz-zwieg;

Illi l-kontendenti jinsabu legalment separati minn xulxin *ai termini* ta' kuntratt pubbliku atti Nutar Dottor Isabelle Gonzi, datat 11 ta' Frar tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) Dok "B";

Illi l-kunsens taz-zewg partijiet jew min minnhom fil-mument taz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dana *ai termini* tal-**artikoli 19 (1) (d) Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Illi *inoltre* l-kunsens taz-zewg kontendenti jew min minnhom kien fil-mument taz-zwieg ivvizzjat *stante* li nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dana *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (f) Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Illi *inoltre* l-istess kunsens tal-kontendenti jew min minnhom kien ivvizzjat *stante* li fil-mument taz-zwieg ma kellhomx setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dana *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (h) Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Illi ghalhekk iz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-12 t'Awissu tas-sena 1993 huwa null u bla ebda effett fil-ligi;

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat mill-kontendenti fit-12 t'Awissu 1993 huwa null u bla ebda effett legali u taghti dawk il-provvedimenti kollha mehtiega illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt personalment biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 sa 5 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 sa 10 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Gunju 2002 fejn l-attrici filwaqt li tat ruhha b’notifikata bl-avviz tas-smiegh tal-kawza, talbet li l-konvenut jigi notifikat *ai termini* tal-artikolu 187 (3) tal-Kap 12. Il-Qorti laqghet din it-talba b’dan li l-pubblikazzjoni ssir f’gazzetta lokali wahda.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 12 ta’ Lulju 2002 fejn talbet li tigi awtorizzata li tinnotifika lill-konvenut wara l-hinijiet legali, liema talba giet milqugha b’digriet tal-Qorti tal-15 ta’ Lulju 2002.

Rat estratt mill-pubblikazzjoni tal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,295 tal-Gimgha, 4 t’Ottubru 2002 fejn turi li saret il-pubblikazzjoni rikjesta.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 19 ta’ Novembru 2002 fejn talab li jigi awtorizzat li jipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu u d-digriet ta’ din il-Qorti datat 20 ta’ Novembru 2002, u d-digriet ta’ din il-Qorti datat 29 ta’ Settembru 2003, fejn l-istess Qorti rrevokat *contrario imperio* d-digriet taghha tal-20 ta’ Novembru 2002, u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess rikors *stante* li jirrizulta li l-konvenut kien ta ruhu notifikat bic-citazzjoni attrici fis-seduta tas-26 ta’ Novembru 2002 (ghaliex qabel dik id-data kien ghadu mhux notifikat) u fil-fatt l-istess konvenut ipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu *entro* t-terminu stipulat mill-ligi, u fil-fatt in-nota tal-eccezzjonijiet tieghu giet prezentata fl-10 ta’ Dicembru 2002 a fol. 27 tal-process.

Rat il-verbal tas-26 ta’ Novembru 2002 fejn Dr. Joanne Vella Cuschieri tat ruhha b’notifikata ghall-konvenut bic-citazzjoni attrici, u nghatat kopja tac-citazzjoni seduta stante. Inghata digriet affidavit tal-partijiet b’terminu ta’

erbghin (40) gurnata kull wiehed. Il-Qorti nnominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju sabiex fil-mori tad-differiment izomm zewg seduti ghall-konkluzjoni provi tal-partijiet, liema provi ma jkunux producibbli bil-procedura tal-affidavit.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-10 ta' Dicembru 2002 a fol. 27 fejn gie eccepit:-

1. Illi filwaqt li jaqbel li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet f'Malta fit-12 t'Awissu 1993, huwa null u bla effett, jeccepixxi illi hu ma kienx il-kawza ta' tali nullita' u li ghaldaqstant ma ghandux isofri spejjez;

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 28 u 29 tal-process.

Rat in-nota tal-attrici tat-30 ta' Jannar 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha, ta' Stella Briffa u ta' Rita Pace.

Rat in-nota tal-konvenut Muhammed Afifi tat-18 ta' Frar 2003 fejn esebixxa l-affidavit tieghu stess.

Rat il-verbal tas-26 ta' Marzu 2003 fejn id-difensuri talbu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza, u ghalhekk il-kawza giet differita ghal dan l-iskop ghall-lum 27 ta' Novembru 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attrici **Sylvana Afifi** permezz tal-affidavit taghha pprezentat fit-30 ta' Jannar 2003 sostniet:-

*"Illi l-esponenta qabel xejn taghmel referenza ghad-dikjarazzjoni tal-fatti li hija pprezentat mac-citazzjoni in kwistjoni u terga' tikkonferma l-kontenut tal-istess fl-intier bil-gurament taghha u dana a skans ta' repetizzjoni salv xi korrezzjonijiet zghar li ser jissemmew hawn taht.*

*Illi rrid nikkoregi ruhi fis-sens illi r-ragel tieghi ghandu tifla mill-mara attwali tieghu u mhux tifel kif ghidt fit-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni. Illum-il gurnata din it-tifla ghandha madwar tliet snin.*

*Korrezzjoni ohra li xtaqt naghmel ghad-dikjarazzjoni tieghi hija fis-sens li qabel iz-zwieg jiena kont ili naf lil zewgi ghal tliet gimghat biss u mhux tliet xhur kif imsemmi fis-sitt paragrafu. Illi ghalhekk meta ghidt fis-seba' paragrafu li zewgi kien gab ruhu sew mieghi qabel iz-zwieg, qed nirreferi ghal dawk it-tliet gimghat biss kemm kont ili nafu u mhux tliet xhur.*

*"Illi nghid ukoll li meta zewgi kien johrog wahdu kif semmejt fid-disa' (9) paragrafu, mhux talli kien jigi lura fis-sieghat bikrin ta' fil-ghodu izda sahansitra, mhux darba u tnejn, kien jibqa' barra mid-dar ghal granet shah, specjalment wara xi argument li kien ikollna. F'dawn l-okkazjonijiet kien icempel wara tliet ijiem jew aktar beix jistaqsi fuqi. Inzid nghid ukoll li wara xi argument jiena kont infittex il-kenn fid-dar ta' ohti Doris Azzopardi. Meta kont nirritorna lura d-dar aktar tard fil-ghaxija, mhux talli ma kontx insib lil zewgi izda kont ninnota wkoll li huwa jkun telaq mid-dar bi hwejgu b'kollox.*

*Illi nista' nghid li mill-bidu nett taz-zwieg kont issuspettajt li zewgi ma kellux intenzjonijiet tajbin fuq iz-zwieg taghna. Dana qed nghidu minhabba l-komportament tieghu mieghi. Nispjega per ezempju li huwa ma xtaqnix ikolli aktar relazzjoni mal-familjari tieghi. Ried jikkontrollali hajti f'kollox u f'kulma naghmel. Riedni noqghod biss ghal dak li jghid huwa ghax skond hu f'pajjizu u skond ir-religjon tieghu, il-mara qieghda hemm biss biex taqdi lir-ragel u xejn aktar. Nispjega li zewgi huwa ta' nazzjonalita' Egizzjana u jhaddan ir-religjon Musulmana. Kien jippretendi li wara li nigi lura mix-xoghol, kelli ninghalaq*

*fid-dar biex niehu hsieb it-tindif u t-tisjir. Kien ihallini nahdem ghas-semplici raguni biss li huwa ma kienx jahdem u kien isibha komda li nahdem ghalih. Kien jindahalli wkoll f'hiex nilbes – ma kienx ihallini nilbes certu lbies modern izda ppretenda li nilbes tip ta' lbies li nitghatta minn fuq sa isfel – anke 'make-up' ma kienx ihallini naghmel. Ma kien jafdani mmur imkien – biex nohrog jew fil-prezenza tieghu jew xejn. Sahansitra kien joqghod ixommni biex jikkontrolla jekk kiltx il-perzut jew prodotti ohra tal-majjal, u dana ghaliex tali ikel kien ipprojbit gewwa darna.*

*Ghalkemm ma kienx igieghlni mmur mieghu l-moskeja, kien jinsisti mieghi illi llum jew ghada, jiena kont ser nispicca biex nattendi l-Moskeja sabiex 'il quddiem nibdel ir-religjon tieghi u nsir Musulmana.*

*Illi ftit wara li zzewwigt, indunajt ukoll li l-visa tieghu hawn Malta kienet ilha li skadietlu b'xi tliet snin. Meta sirt naf b'dan il-fatt, apparti li kompla ssahhahli s-suspett li huwa kien izzewwigni ghall-konvenjenza biss, irrealizzajt ukoll l-ghala huwa beda jinsisti mieghi biex nizzewgu malajr ghalkemm jiena kont nipprova ninsisti mieghu biex inhallu aktar fit-tul qabel nizzewgu biex insiru nafu lil xulxin ahjar.*

*Ghalkemm in-numru tat-telephone tad-dar taghna ta' Hal-Qormi ma kont tajtu lil hadd, xorta wahda ta' sikwit kont nircievi telefonati minghand persuni b'lehen ta' mara li kienu jistaqsu ghal zewgi. Wahda minnhom niftakar li kien jisimha Nadia u kienet tghidli li dakinhar kien mar hdejha, cjoe' kien ghandha.*

*Illi meta darba minnhom wara xi argument zewgi kien telaq mid-dar ghal xi granet, sirt naf li fil-frattemp kien mar joqghod mal-istess mara li kien maghha qabel ma sar jaf lili. Din kien jisimha Gina u kienet toqghod il-Gzira. Zewgi kien qalli li din il-mara kienet separata minn ma' zewgha.*

*Zewgha stess kien ighidli li huwa kien jiffrekwenta n-nisa u jiena kull darba, ta' hmar li kont, kont nahfirlu. Fuq dawn in-nisa darba minnhom kien qalli li kien xeba' jdur ma' nisa Maltin ghax dawn kien ikollhom rashom iebsa u ma*

*jifhmux. Fil-fatt kien dejjem mohhu biex jipprova jsib mara Musulmana. Mid-dehra huwa rnexxielu li jilhaq dan il-ghan peress illi l-mara ma' min qieghed u ma' min ilu ghal dawn l-ahhar snin, minn liema mara ghandu t-tifla, din hija ta' nazzjonalita' Tunezina.*

*Illi zewgi gieli ghamilhieli cara b'diskorsu li ghalih iz-zwieg ma kienx xi rabta partikolari u li seta' jinhall minnu u jehles minni meta jrid. Fil-fatt niftakar li darba minnhom wara glieda, huwa kien tefaghli tliet mitt lira (Lm300) kontanti fuq is-sodda bhal speci ta' rigal talli jiena kont izzewwigtu. Naturalment fis-sahna ta' dan l-argument jiena kont tfajthomlu lura u ghidtlu li jiena mhux lill-flus ridt izda lil zewgi.*

*Ta' sikwit kienu jigu d-dar huh u xi hbieb minn tieghu, pero' lili dejjem warrabni u qatt ma hallieni nsir nafhom – anzi dejjem kien ighidli li hekk kif jigu hbiebu, jiena kelli nwarrab u ninghalaq f'kamra ghal rasi sakemm jitilqu. Jekk xi drabi kont ninzerta nidhol id-dar u nsibhom hemm ma' wicci, hadd minnhom ma kien jaghti kazi u/jew ighidli xi diskors, anzi kienu jibqghu jitkellmu bl-Egizzjan biex zgur ma nifhimhomx.*

*Illi mill-bidu nett taz-zwieg ma kien hemm ebda djalogu bejnietna – meta kont nipprova nohloq xi forma ta' diskussjoni mieghu, huwa kien isikkitni u kien ighidli sabiex lilu nhallih bil-kwiet – ma hemmx ghalfejn inkellmu u nhallih jahseb bil-kwiet ghal rasu. Kont nipprova navvicinah bil-hlewwa u bil-kelma t-tajba pero' ghal xejn – qatt ma rnexxieli nikkommunika mieghu sakemm sa fl-ahhar kont qtajt qalbi u ma bqajtx nipprova aktar.*

*Wara li konna hadna s-separazzjoni fis-sena 1997 kien hemm tentattiv ta' rikonciljazzjoni fis-sena 1999 – ghall-bidu kont hsibt li zewgi forsi kien ser jinbidel pero' gharrali bl-ikrah peress li wara ftit xhur huwa rega' telaq 'il barra mid-dar u siefer lejn l-Egittu fejn ghandu l-familja. Meta gie lura mill-Egittu wara xi hmistax/tliet gimghat regghet inqalghet glieda shiha peress li beda jallega li jiena kont hrigt fl-assenza tieghu u beda jakkuzani u jinsinwa li jiena hrigt ma' rgiel ohra. Din kienet l-ahhar darba li ghexna*

*flimkien peress li meta huwa rega' telaq 'il barra, ossia keccejtu 'l barra u ma rajniex aktar lil xulxin minn dakinhar sal-llum – ma zammejna ebda kuntatti ma' xulxin hlief ghall-bidu biex innewwillu xi posta".*

Illi l-attrici pproduciet anke l-affidavits ta' ommha **Stella Briffa,** fejn din kkonfermat li l-attrici zzewget lill-konvenut biss wara tliet gimghat, u fil-fatt meta zzewgu marru joqoghdu maghha ghaliex ma kellhomx fejn joqoghdu. Wara sabitilhom post u marru jghixu Bugibba. Bintha kienet tmur tahdem fil-waqt li l-konvenut kien johrog 'il barra u ma kenitx taf fejn imur. L-attrici kienet tkun spiss imdejqa u l-konvenut kien jghid li qed ifittex ix-xoghol u ma' kellux flus pero' wara saru jafu li l-konvenut kellu flus u kien jibaghthom lill-familja tieghu barra minn Malta. Wara xi xhur l-attrici bdiet tilmenta li ma kenitx tiflah tghix izjed mal-konvenut u ghalhekk x-xhud sabitilhom dar Hal Qormi biex jmorru jghixu hdejha. Pero' s-sitwazzjoni baqghet l-istess ghalkemm hija widdbet lill-konvenut sabiex ma jibqax jitlaq 'il barra, izda huwa baqa' jmur id-dar biss meta jrid sakemm il-partijiet isseparaw.

Illi xehdet ukoll **Rita Pace** bl-affidavit taghha datat 30 ta' Jannar 2003, fejn din sostniet li lill-konvenut kienet iltaqghet mieghu darba biss qabel iz-zwieg; izda wara nnutat li ohtha ma baqghetx tohrog aktar maghha, izda kien imur ghandha l-konvenut biex jipprova jikkonvinciha tghid lill-attrici biex issir Musulmana. Ta' sikwit kienu jiggieldu u darba minnhom l-attrici telqet mid-dar u hija marret id-dar u sabet lill-konvenut mal-hbieb tieghu jieklu ikla haruf. Ghall-attrici deher li l-konvenut ried li jkollu mara stil Musulman u toqbdi dak kollu li jrid huwa. Fil-fatt huwa kien jimpurtah, dejjem skond ix-xhud, minn dak li jaghmel huwa u kien biss hsiebu fi hbiebu u l-familjari tieghu kollha ta' nazzjonalita' Egizzjana.

Illi min-naha tieghu l-konvenut **Muhammed Afifi** fix-xhieda tieghu permezz tal-procedura tal-affidavit sostna illi:-

*"Jien ltqajt ma l-'ex'-mara tieghi Sylvana Afifi nhar l-1 ta' Lulju tas-sena 1993. Sylvana kienet habiba ta' habiba ta'*

*hija Fathi li dak iz-zmien kien diga' mizzewweg hawn Malta u kellu t-tfal. Jien kelli tmienja u ghoxrin sena filwaqt li Sylvana kellha sitta u ghoxrin sena. Jien u Sylvana mill-ewwel sirna hbieb u niftakarni li jien ghidtilha li jien xtaqt insib tfajla biex nizzewweg ghaliex xtaqt li jkolli familja. Malli sirt naf lil Sylvana f'qalbi ghidt li ma kontx ser insib tfalja bhalha ghaliex kienet tfajla sabiha u kien ghalhekk li ddecidejt sabiex mill-ewwel nistaqsiha sabiex tizzewwigni. Malli ghidt hekk lil Sylvana din kienet qaltli li hi xtaqet tizzewwigni. Jien ma zzewwigtx minhabba li kelli l-Visa tieghi skaduta izda zzewwigt minhabba r-raguni li semmejt aktar 'il fuq. Lil Sylvana kont ghidtilha qabel iz-zwieg li l-Visa tieghi kienet skaduta ghaliex jien ma kelli xejn x'nahbi. Jien ma kellix ghalfejn nibqa' hawn Malta ghaliex lura f'pajjizi jien kwalifikat u stajt insib xoghol facilment.*

*Jien staqsejt lil Sylvana jekk riditx li nizzewgu mill-ewwel minghajr ma jkollna gherusija. Nghid li qatt ma xtaqt li ndum nohrog hafna ma' tfajla qabel nizzewweg u kien ghalhekk li staqsejt lil Sylvana jekk kenitx lesta li nizzewgu mill-ewwel. Sylvana minghajr ezitazzjoni ta' xejn kienet qaltli li hi kienet lesta li tizzewweg izda l-ewwel riedet li niltaqa' ma' ommha biex din issir tafni. Riedet ukoll li niltaqa' mal-familja taghha. Fil-fatt hekk ghamilna u ltqajt ma' ommha u mal-familja taghha. Nghid li ommha kienet accettatni mill-ewwel izda kien hemm xi membri ohra tal-familja ta' Sylvana li ma kienux accettawni.*

*Wara li Sylvana laqqghatni mal-familja taghha ahna mill-ewwel morna r-Registru taz-Zwigijiet biex naghmlu d-data. Fil-fatt izzewwigna nhar it-12 t'Awissu 1993.*

*Malli jien bdejt nohrog ma' Sylvana jien kont staqsejtha jekk qattx kellha relazzjoni ohra ma' xi haddiehor u kienet qaltli li le hlief ghal relazzjoni wahda meta kienet gharusa. Izda lejliet iz-zwieg hija kienet qaltli li kellha hafna relazzjonijiet ohra qabel. Kont irrabjajt hafna ghaliex hassejtni ngannat u mwegga'. Hassejtni ngannat ghaliex kienet gidbitli kif ukoll hadha bi kbira hafna ghaliex ir-religjon tieghi ma tippermettix dawn l-affarijiet. Nghid illi malli sirt sirt naf b'dan kollu ridt inhassar u ma ridtx*

*nizzewweg. Izda niftakar li Sylvana kienet bdiet tibki u tghidli li ma stajtx naghmilha hekk wara li kienet laqqaghtni mal-familja kollha. Nghid illi Sylvana kienet ghamlet hafna hin tibki u bdiet tghidli li kienet qed tibza' li l-ghada jien ma kontx ser mmur ghaz-zwieg. Niftakar li kont staqsejtha jekk kenitx lesta li tweghdni li jekk nizzewgu hija tibqa' dejjem mieghi u ma' hadd aktar u hi kienet weghditni li hekk kienet ser taghmel. Nghid illi kienet din il-weghda min-naha taghha, li dak il-hin jien emmint li ghamlitli l-kuragg sabiex nizzewweg u jien poggejt din il-weghda bhala kundizzjoni fiz-zwieg taghna. Illum-il gurnata jien nirrealizza li dak iz-zmien Sylvana kienet taghmel minn kollox biex tizzewweg u xejn aktar twieghed dak li kienet taf li ma kenitx ser izzomm.*

*Dakinhar taz-zwieg konna ltqajna l-familjari tieghi u ta' Sylvana u lkoll morna r-Registru sabiex jien u Sylvana nizzewgu. Wara z-zwieg konna ghamilna ikla bejn il-familjari. Mhux minnu dak li tghid l-attrici kif ukoll dak li jghidu l-familjari taghha li huma ma riedux dan iz-zwieg isehh ghaliex huma gew ghaz-zwieg taghna. Nghid li sahansitra ahna konna hrigna biex immorru nizzewgu mid-dar ta' omm l-attrici.*

*Wara li zzewwigna ghall-ewwel darba morna noqoghdu fid-dar ta' omm Sylvana izda wara ftit xhur konna sibna post ghalina u morna noqoghdu fih. Ghall-ewwel l-unici problemi li kien ikollna kienu problemi finanzjarji. Sylvana kienet spiss tghajjat u tirrabja mieghi ghaliex ma kienx ikollna flus. Nghid li sa minn meta kont mizzewweg jien dejjem hdimt. Sylvana kienet waqfet mix-xoghol dak iz-zmien.*

*Ftit xhur wara li zzewwigna kienet inqalghet problema ghaliex ommi u missieri kellhom bzonn xi flus u Sylvana ma riditx li jien ntihom il-flus. Nghid li kont ghidtilha li ma kontx ser inhalliha tidhol bejni u bejn il-genituri tieghi u l-flus xorta kont ser nibaghthom ghaliex lill-genituri tieghi kont inhobbhom aktar minn kulhadd fid-dinja. Meta ghidtilha hekk kienet qabdet ippakkjat xi affarijiet u telqet. Dak il-lejl ma kenitx giet lura d-dar. Ghalkemm hi kienet qaltli li kienet marret id-dar t'ommha jien kont naf li ma*

*kenitx marret hemm ghaliex kont cempilt u ma kien irrisponda hadd. Hi kienet qaltli li kienet marret ghand ommha wara li kienet ser taqbez minhabba l-inkwiet. Nghid li biex ma tergax taghmel xi kummiedja accettajt din l-ispjegazzjoni. Wara dan Sylvana kienet regghet baqghet id-dar mieghi.*

*Nghid li kelli nsiefer l-Egittu sabiex naghti l-flus lill-genituri tieghi u kont staqsejt lil Sylvana jekk riditx tigi mieghi. Hi kienet qaltli li ma riditx tigi ghaliex qaltli li kienet qed tibza' li l-Egittu kont ser nahqarha ghaliex hekk kienet rat fil-films. Fil-fatt hi ma gietx mieghi. Jien ma xtaqtx inhalliha wahedha ghaliex kont naf li kienet ser tohrog meta ma nkunx Malta jien.*

*Meta gejt lura mill-Egittu hija Fathi kien qalli li Sylvana fiz-zmien li kont l-Egittu kienet harget ma' xi hbieb taghha li kienu wkoll hbieb ta' hija. Huma kienu marru 'disco'. Nghid li dawn il-hbieb taghha kont nafhom u kont naf li kienu xi ftit sfrattati. Kont irrabjajt ghaliex harget u ma qaltlix li kienet harget. Ghal darb'ohra jiena ergajt hassejtni ngannat. Nghid li konna ggilidna u Sylvana regghet telqet mid-dar. Anke wara li telqet mid-dar kienet baqghet tinsisti li ma kenitx harget u ghalhekk jien ma ridtx nahfrilha allavolja kienet tigi tibki. Xi hamest ijiem wara kienu gew Sylvana, ommha u hutha t-tnejn Rita u Doris biex ikellmuni. Hi kienet staqsietni jekk jien ridthiex u jien ghidtilha le ghaliex kienet gidbitli. Wara dan kollu huma ppakkjaw l-affarijiet sabiex l-ghada jigu ghalihom. Nghid izda li l-ghada thassartha u hfirtilha u ergajna rrangajna.*

*Nghid illi ahna bqajna sejrin niggieldu fuq dawn l-affarijiet ghal tliet snin shah. Nghid li spiss bejn glieda u ohra kien ikun hemm granet shah fejn jien kont nghix wahdi u Sylvana tghix ma' ommha. Sakemm domt mizzewweg ma' Sylvana jien qatt ma hrigt wahdi allavolja konna nkunu miggildin u hi ma kenitx tkun id-dar. Mhux minnu dak li tghid l-attrici li kont nohrog wahdi sa mill-bidu taz-zwieg. Nghid ukoll li f'dawn il-perjodi l-attrici kienet dejjem tohrog ma' rgiel ohra u jien kont dejjem naccetta li nahfrilha u nerga' nirranga maghha.*

*Nzid nghid li mhux minnu li jien kont nippretendi li l-attrici tghix hajja skond ir-religjon tieghi. Mhux minnu wkoll li jien ppretendejt li hi tbiddel ir-religjon u qatt ma mort ghand ohtha biex nitkellem fuq hekk. Nghid izda li huwa minnu li kont nikkumentalha kif kienet tilbes ghaliex kienet u ghadha taghmel wisq 'make-up', lanqas tfajliet li ghadhom mhux mizzewgin ma jaghmlu 'make-up' daqs kemm taghmel hi. Ukoll hija kienet tilbes wisq provokanti u ma kontx inhoss li dan l-agir kien agir sew ghal mara mizzewga. Mhux minnu li jien kont ngieghel lill-attrici sabiex tiekol certu affarijiet biss. Huwa minnu li jien kont inzomm ferm mar-Religjon tieghi u ghalhekk kont nghidilha biex certu affarijiet lili ma ssajjarhomlix izda qatt ma kont nindahlilha f'dak li kellha taghmel hi.*

*Inzid nghid li mhux minnu li jien ma kontx inhalli lil Sylvana tara lil ohtha, anzi nghid li din kienet tigi kull gimgha ghandna, kwazi kuljum u dawn kienu joqoghdu jsajru flimkien. Konna wkoll spiss nohorgu mal-familja taghha u naghmlu affarijiet flimkien.*

*Nghid illi sakemm iz-zwieg tieghi ma' Sylvana kien ghadu ghaddej qatt ma hrigt ma' nisa ohra. L-incident li ssemmi Sylvana fejn kienet cemplet wahda mara fuq il-'mobile' kien biss azzjoni ta' terza persuna li kellha l-iskop li ggellidni minn ma' Sylvana. Mhux minnu wkoll li jien mort noqghod ma' din il-mara waqt li jien kont mizzewweg ma' Sylvana. Fil-fatt kelli relazzjoni ma' din il-mara qabel izzewwigt izda mhux wara.*

*Ir-rabta taz-zwieg jien dejjem ikkunsidrajtha bhala rabta serja. Mhux minnu dak li tghid l-attrici f'dan ir-rigward. Meta ddecidejt li nizzewweg lil Sylvana dan ghamiltu ghaliex bejni u bejn ruhi ghidt li ma kontx ser insib tfajla isbah u ahjar minnha.*

*Nghid ukoll li qatt ma offrejt flus lill-attrici sabiex titlaq. Anzi nghid li kienet l-attrici li kienet titlobni l-flus sabiex hi titlaq mid-dar. Niftakar li darba waqt argument jien qbadt il-flus kollha li kelli d-dar, xi elf lira, u kont ghidtilha li*

*setghet tohodhom u titlaq ghaliex jien ma kontx izzewwigtha ghall-flus.*

*Nghid li hija rari kien jigi d-dar tieghi u meta kien jigi mhux veru li Sylvana kien ikollha tinghalaq go kamra ohra. Fil-fatt kif spjegajt aktar 'il fuq kien hija stess li laqqaghni ma' Sylvana u ghalhekk hi kienet habiba tieghu wkoll. Mhux veru li ahna konna nitkellmu bl-Egizzjan sabiex Sylvana ma tifhimniex, anzi nghid li meta l-ohrajn kienu jitkellmu bl-Egizzjan specjalment id-dar ta' hija kont nghidilhom biex jeqilbu ghall-Malti ghaliex inkella Sylvana kienet tahseb li qed nidhku biha u tiggieled mieghi.*

*Naqbel illi bejni u bejn l-attrici qatt ma seta' jkun hemm djalogu bejnietna izda mhux ghax ma kontx inhalliha titkellem jien, izda ghax il-karattri u l-ambjenti li minnhom konna gejjin kienu wisq differenti minn xulxin.*

*Nghid li fl-ahhar ma flahtx aktar bil-glied li kein qed ikolli ma' Sylvana u bit-tip ta' hajja li konna qed nghixu fejn hi kienet titlaq u tigi d-dar kull meta jfettlilha. Darba minnhom wara li jien kont tlaqt mid-dar wara glieda jien kont mort infittxha u sibtha fil-karozza ma' ragel iehor. Sahansitra f'din l-okkazjoni kont lest li nahfrilha u nergghu nirrangaw, izda f'din l-okkazjoni kienet l-attrici li keccietni mid-dar. Sahansitra nghid ukoll li kien hemm okkazjoni fejn Sylvana ma kenitx mieghi u kienet kissret il-karozza taghha. Dak iz-zmien ghalkemm ma kenitx mieghi jien stess kont irrangajtilha l-karozza u hadthielha lura ghand ohtha.*

*Nghid ukoll li meta jien u Sylvana konna ghamilna tentattiv iehor fis-sena 1999 hu l-attrici kien beda jcempilli u jheddidni li hu kien jippreferi li ohtu tohrog ma' xi haddiehor u mhux mieghi. Hu stess kien qallha sabiex hi titlaqni u tohrog ma' ragel iehor. Hu kien qalli li jekk kien ser isibni ma' ohtu kien ser joqtolni.*

*Inzid nghid li ghalkemm jien Musulman, jien tant xtaqt li z-zwieg tieghi ma' Sylvana jirnexxi li sahansitra kellimt qassis sabiex jipprova jghinna. Dan il-qassis kien mar*

*ikellem lil Sylvana izda ma serva ghal xejn ghaliex Sylvana ma riditx.*

*Nghid li kien hemm okkazjoni ohra fejn jien u Sylvana konna miggildin u sabiex nergghu nirrangaw mort ghaliha fuq ix-xoghol u mieghi hadt fjura u xampanja ghaliex kien 'Valentines Day'. Malli Sylvana ratni kienet qabdet tirrabja mieghi ghaliex kienet qed tistenna li jmur ghaliha ragel iehor. Fil-fatt kienet zammet ix-xampanja u baghtitni 'l hemm. Dan kien l-istess ragel li kien maghha fil-karozza li semmejt aktar 'il fuq. Sylvana kienet spiss tghidli li kienet ser ikollha toqghod 'overtime' fuq ix-xoghol. Darba minnhom fil-fatt damet aktar u jien issuspettajt li mhux veru li kienet 'overtime'. Jien kont mort fuq ix-xoghol taghha u fil-fatt sibtha taht sigra titkellem ma' l-istess ragel. Mill-hwejjeg taghha jien kont indunajt li hi lanqas kienet baqghet 'overtime'. Meta kkonfrontajtha kienet qaltli li dan kien ghaddej minn hemm b'kumbinazzjoni. Jien m'emminthiex u kont tlabt lil ohtha biex tkellimha fuq dak li kien gara.*

*Hafna mill-glied li kien ikollna jien u Sylvana kien ukoll minhabba li ghalkemm ghamilna snin mizzewgin u konna nippruvaw sabiex ikollna t-tfal qatt ma kellna tfal. Fil-fatt konna ghamilna t-testijiet u rrizulta li l-problema ma kontx jien. Irrizulta li Sylvana kellha bzonn taghmel operazzjoni qabel ma seta' jkollha t-tfal. Minhabba din il-problema Sylvana kienet spiss tkun bin-nervi u bid-dwejjaq u kienet spiss tiggieled mieghi minhabba f'hekk. Fil-fatt wara li jien u Sylvana ma bqajniex flimkien kienet ghamlet din l-operazzjoni. F'dan iz-zmien ghalkemm ma kontx maghha jien kont mort maghha l-isptar u qghadt niehu hsiebha. Wara li harget mill-Isptar kienet qaltli li marret ghand ommha u li ma stajtx immur naraha hemmhekk.*

*Illum-il gurnata jien indunajt li z-zwieg tieghi ma' Sylvana qatt ma seta' jirnexxi ghaliex hi riedet tiqba' tghix hajja daqs li kieku ma kenitx mizzewga u tibqa' tohrog ma' rgiel ohra u mhux biss mieghi wara z-zwieg. Ovvjament jien dan ma ridtux kif kont spjegajt lil Sylvana stess lejliet li zzewwigna. Kieku jien kont naf li Sylvana ma kenitx ser*

*izzomm il-weghda taghha li jkollha lili biss wara z-zwieg jien qatt ma kontx nizzewwigha.*

*Nghid li minhabba l-agir ta' Sylvana z-zwieg tieghi maghha kien dejjem iddominat mis-suspetti tieghi li hi kienet qed tohrog ma' xi haddiehor, suspetti li maz-zmien jien indunajt li kienu vera".*

**(ii) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi l-premessi li fuqhom hija bbazata l-azzjoni attrici huma kkontemplati fl-**artikolu 19 (1) (d) (f) u (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cjoe' l-**Att dwar iz-Zwieg**.

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-

**Artikolu 19 (1**) *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

***(d)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

***(f)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi artikolu **19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ghar-rigward tal-istess **artikolu 19 (1) (d)** mill-provi migbura jirrizulta li l-kontendenti, qabel ma zzewgu, ma kkunsidrawx bis-serjeta' l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Fil-fatt inghad li l-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess* a *critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly*.

*Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961 Sabattani held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'amentia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage …….. Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity … …".*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard*** fit-trattat **'L'Immaturite' et le Consentement Matrimonial"** (pg. 54-55***)*** jghid is-segwenti*:*-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza

fit-18 ta' Jannar, 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002; **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002; **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u diversi sentenzi ohrajn u tirreferi u taddotta ghalhekk l-istess principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.* ***(Viladrich, P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual*

*well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (***Viladrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi l-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li nghad dwar id-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, fis-sentenza **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999) u cjoe`:-

*"Fil-kawza **"Haidin vs Haidin"** (PA. (Q.K) 7 ta' Lulju 1994), il-Qorti qalet illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq 'a partnership for life'.*

*Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta' u l-assistenza, l-unita' u l-indossolubbilta' taz-zwieg, il-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza **"Micallef vs Micallef"** deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-*

*mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frazi *"eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine*".** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A.14 ta' Awissu 1995) il-Oorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol. X p. 912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-

Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossolubbilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta` u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresupponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' ndossolubbilta` fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, ***J. Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns***, fil-kummentarju tieghu (**"Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions. A Historical Synopsis and Commentary".** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubbilta') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract".*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci*

*li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero` fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenzi ricenti ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Lydia Musu' vs Dr. Ian Spiteri Bailey"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) u **"Francis Agius vs Dr. Christopher Cilia et"** (P.A. (RCP) 8 ta' Ottubru 2002) fejn inghad li *"huwa sintomatiku li wiehed jirreferi ghas-sentenzi **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (N.A.) 31 ta' Mejju 2000) u **"Carmen El Shimi gja` Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (N.A.) 20 ta' Gunju 2000) u **"Marica Bouchhioua vs Farhat Ben Mohammed Bouchhioua"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) fejn inghad li fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista c-cittadinanza Maltija jew / u d-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulat peress li eskluda pozittivament iz-zwieg innifsu"*.

Illi dwar l-ahhar premessa tal-attur u cjoe' **l-artikolu 19(1) (h) tal-Kap 255**, **l**-attrici ppremettiet illi l-kontendenti ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi **l-artikolu 19 (1) (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqara hekk kif gej:-

***(h)*** *"jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg".*

Illi dan l-artikolu jitkellem dwar persuna, li ghalkemm mhux interdetta jew marida, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Ghalhekk, apparti nterdizzjoni jew mard mentali, dan l-artikolu jinkludi wkoll stat mentali temporanju li jaghmilha mpossibbli ghal persuna li jaghti kunsens validu. Ezempji ta' dan hu jekk persuna tkun taht l-effett tax-xorb, tad-droga, jew ta' dipressjoni.

Illi ***John R. Keating***, fil-ktieb tieghu **"The Bearing of Mental Impairment on the Validity of Marriage. An Analysis of Rotal Jurisprudence"** f'pagna 104 jaghti dan l-ezempju:-

*"Let us take the case of the man who has determined to marry a certain girl but to carry him through the ordeal, gets drunk and expresses consent in such a state. The marriage, if it is null, is null not because of insufficient internal will, but because the act of manifestation was not a human act, a juridical act, an act capable of juridically signifying a virtually persevering internal will."*

## (iii) Apprezzament tal-Provi.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla dubju li l-partijiet ma kellhomx id-diskrezzjoni necessarja sabiex jaghtu l-kunsens taghhom validament ghal dan iz-zwieg, *stante* li ma kienu jafu assolutament xejn dwar xulxin, u jidher li ddecidew li jizzewgu qishom spirtu pront, meta l-affarijiet ta' din is-serjeta' ma jsirux b'dan il-mod. Fil-fatt din l-ghaggla kollha sabiex il-partijiet jizzewgu ma taghmilx sens, u l-konvenut ghal dan ma jaghti spjegazzjoni ta' xejn.

Illi din il-Qorti thoss li l-verzjoni tal-konvenut f'dan il-kuntest ma hijiex kredibbli, ghaliex l-ewwel jghid li huwa zzewweg lill-attrici ghaliex kien ihobbha u ghaliex kienet mara sabiha u riedha li tkun martu, u wara jghid li fil-fatt ma kien jaf jghix xejn fuq il-mara tieghu u huwa ried mara li kellha lealta' lejh u li kienet responsabbli. Minn dan johrog li l-istess konvenut jidher li ghamel l-affarijiet bil-maqlub, ghaliex qabel ma tiehu decizjoni serja bhal ma hija dik ta' zwieg huwa kellu l-ewwel issir jaf lill-persuna u jara jekk hija ghandhiex dawk il-kwalitajiet li huwa jhoss li

ghandha jkollha mara. Ghaldaqstant jekk kien daqshekk determinat fuq il-hajja mizzewga u l-obbligi kollha naxxenti minnha dan certament kellu jarah qabel.

Illi fil-fatt dan jkompli jrendi l-verzjoni tal-konvenut li nsista mal-attrici li tizzewgu f'qasir bhala ghal kollox inverosimili, aktar u aktar meta fl-affidavit tieghu l-konvenut jidher li jaf x'inhu zwieg u l-konsegwenti obbligi li johorgu minnu. Mela allura jidher car li r-raguni vera ghaliex l-konvenut staqsa lill-attrici sabiex tizzewgu hekk f'daqqa kienet biss ghaliex huwa kellu skop ulterjuri, u cjoe' li permezz ta' tali rabta huwa jkun jista' jibqa' jghix hawn Malta, fejn jidher li dak iz-zmien, u anke llum jippreferi li jghix.

Illi din kienet il-verzjoni avvanzata mill-attrici u fil-fatt din tirrizulta li hija aktar verosimili mill-provi prodotti, u dan peress li ma nghata l-ebda raguni ohra ghaliex dan iz-zwieg civili sar hekk malajr u b'urgenza, u dan huwa aktar stramb meta wiehed iqis li l-partijiet gejjin minn ambjent, kultura, u religjon differenti tant li jidher, anke mill-affidavit taghhom li huma ghal kollox ukoll inkompatibbli ghal xulxin. F'dawn ic-cirkostanzi mhux normali kien aktar prudenti ghall-partijiet, aktar minn kaz normali, li jiehdu l-hin taghhom sabiex jiddeciedu li jizzewgu u mhux kollox isir habta u sabta. Bil-mod kif sar l-istess zwieg jidher car li kien hemm raguni ohra, u l-istat ta' animu tal-konvenut illum u kif ihares lejn iz-zwieg jidher li dan kollu jindika li f'dak il-mument u hin l-konvenut kellu skop ulterjuri u cjoe' li jidhol fi zwieg ta' konvenjenza ghar-ragunijiet personali tieghu u xejn izjed.

Illi min-naha tal-attrici jidher li hija ssuspetat b'dan pero' ghal xi raguni li hija ma tispjegax hija accettat il-proposta' tal-konvenut mill-ewwel ghalkemm il-partijiet lanqas kellhom fejn imorru joqoghdu u l-konvenut iltaqa' mal-familjari tal-attrici darba biss qabel iz-zwieg u dan ghaliex l-attrici ghamlitha bhala kundizzjoni li taccetta l-proposta tal-konvenut jekk huwa jaccetta li jitlaqa' qabel ma' omm l-attrici u l-familjari taghha.

Illi mill-bqija tax-xhieda jidher li l-partijiet qatt ma kienu lesti li joqoghdu ghall-gid komuni tal-familja li huma stess

suppost holqu bl-istess zwieg, u jidher li l-konvenut ried u kompla jghix ghar-rasu fejn il-familjari tieghu, il-hbieb tieghu u l-bzonnijiet tieghu hadu precedenza fuq l-attrici, li kienet biss hemm ghalih sabiex isservih jew taghmel dak li jghidilha huwa, fejen sahanistra ried li l-attrici tbiddel ir-religjon taghha, L-istess konvenut jammetti li l-familja tieghu kienet tigi qabel kollox u f'dan l-attrici ma kellhiex *'say".* Dan juri bl-aktar mod palez li l-kuncett ta' zwieg mill-konvenut kien mibni fuq is-superjorita' ta' ragel fuq il-mara, u certament dan jikkonfliggi man-nozzjoni fil-ligi taghna ta' zwieg ta' ugwaljanza f'dak kollu li ghandu x'jaqsam mal-hajja u abbazi tal-istess ugwaljanza jista' wiehed jikkoncepi l-unjoni vera u matura fiz-zwieg taht il-ligijiet ta' dan il-pajjiz.

Illi min-naha ta' l-attrici jidher car li hija kienet ghal xi raguni nfattwata bil-konvenut ghaliex ma kien hemm l-ebda raguni qabel u anke wara ghaliex hija kellha tasal sabiex taccetta l-proposta tal-konvenut li tizzewweg hekk malajr, minghajr ma ssir taf minn verament kien l-istess konvenut u minghajr ma ssaqsi b'serjeta' ghaliex ried li dan iz-zwieg issir hekk malajr.

Illi taht dan l-aspett din il-Qorti thoss li z-zewg partijiet rispettivament huma responsabbli ghad-dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg, l-konvenut abbazi tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** *stante* li ghalih dan kien zwieg ta' konvenjenza, u *da parte* tal-attrici *stante* li hija kellha l-kunsens taghha vizzjat skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi ghal dak li jirrigwarda l-**artikolu 19 (1) (h) tal-Kap 255,** ghalkemm *ormai* in vista tal-premess din hija biss kwistjoni akkademika, din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti mill-partijiet dan l-aggravju propost mill-attrici ma jirrizultax.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-

konvenut in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat mill-kontendenti fit-12 t’Awissu 1993 huwa null u bla ebda effett legali u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Bl-ispejjez tal-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------